# Beati u Qaddisin....Jannar

6 ta' Jannar

L-EPIFANIJA TAL-MULEJ

Meta twieled Gesù f'Betlehem tal-Lhudija, fi zmien is-sultan Erodi, xi magi mil-Lvant gew Gerusalemm jistaqsu: "Fejn hu s-sultan tal-Lhud li twieled? Ghax rajna l-kewkba tieghu fil-Lvant, u gejna nqimuh."



Is-Sultan Erodi sema' bihom, u thawwad hu u Gerusalemm kollha mieghu. U, wara li gabar flimkien il-qassisin il-kbar u l-kittieba kollha tal-poplu, ried jaf minn ghandhom fejn kellu jitwieled il-Messija. U huma

qalulu: "F'Betlehem tal-Lhudija, ghax hekk inkiteb mill-profeta: 'U int, Betlehem, art ta' Guda, xejn ma int l-izghar fost il-bliet il-kbar ta' Guda; ghaliex minnek ghad johrog mexxej li jirgha l-poplu tieghi Israel.'"

Imbaghad Erodi sejjah bil-mohbi l-magi, u bir-reqqa kollha tkixxef minn ghandhom iz-zmien li fih dehritilhom il-kewkba, baghathom f'Betlehem, u qalilhom: "Morru staqsu bir-reqqa ghat-tifel; u, meta ssibuh, ejjew ghiduli, biex jien ukoll nigi nqimu."

Dawk, wara li semghu s-sultan, telqu; u ara, il-kewkba li kienu raw fil-Lvant bdiet miexja quddiemhom sakemm waslet u waqfet fuq fejn kien it-tifel. Kif raw il-kewkba, imtlew b'ferh kbir tassew. U meta dahlu d-dar, raw it-tarbija ma' ommha Marija, u xtehtu jqimuha; imbaghad fethu t-tezori taghhom, u offrewlha rigali: deheb, incens, u mirra. U wara li kienu mwissijin f'holma biex ma jerhhux imorru ghand Erodi, rehhu lura lejn arthom minn triq ohra. San Mattew (2:1-12)